MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 259/1998/1

**Peter Paul u Lucy konjugi Falzon**

**Vs**

**Mary Rose mart John Vella, Carmena mart Rocco Zahra, Joseph Vella, Michael Vella f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' hutu imsefrin Emanuel Vella, Angelo Vella u Rita mart Joseph Bartolo u b'nota tad-9 ta' Frar 2007 Carmena mart Rocco Zahra assumiet l-atti bhala prokuratrici tal-imsiefra konvenuta Rita mart Joseph Bartolo u b'digriet tal-25 ta' April 2008 stante l-mewt ta' Mary Rose Vella fil-mori tal-kawza il-gudizzju gie trasfuz f'isem Peter Paul, Anthony u Charlene xebba Vella f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' hutha l-imsefrin Mary Jane mart Sam Sciberras, Jennifer mart George Attard u Alison xebba Vella; ilkoll ahwa Vella u b'nota tas-16 ta' Frar 2009 Karmena Zahra assumiet l-atti tal-kawza f'isem il-konvenut Angelo Vella, u b'digriet moghti fl-20 ta' Lulju 2009 l-avukat Dr Jean Paul Grech gie**

**nominat bhala kuratur ghall-assenti Emanuel Vella u b'nota prezentata fis-6 ta' Novembru 2009 l-avukat Dr Carmelo Galea assuma l-atti ghan-nom tal-assenti Emanuel Vella (fol. 290)**

Permezz ta' citazzjoni prezentata fis-7 ta' Dicembru 1998 l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li huma taw ghajnuna u assistenza lil Maria Vella (omm l-attrici), sabiex il-qorti tillikwida l-kumpens li hu dovut lilhom u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont li jigi likwidat.

Il-konvenuti Mary Rose Vella, Carmena mart Rocco Zahra u Guzepp Vella wiegbu (fol. 12) li:

1. L-azzjoni hi preskritta bit-terminu ta' hames snin.
2. Kull servigi li setghu nghataw gew rezi familiaritatis vel pietatis causa u ghalhekk l-ebda hlas mhu dovut.
3. Maria Vella kienet mara li tiehu hsieb taghha nnifisha u ghalhekk l-ebda hlas mhu dovut.
4. L-atturi gew ampjament kumpensati ghal kwalsiasi kura u ghajnuna li taw lil Maria Vella.

Michael Vella wiegeb (fol. 15) li ma jopponux ghat-talbiet attrici diment li l-kumpens jigi ffissat mill-qorti. Din in-nota tal-eccezzjonijiet giet prezentata wkoll ghan-nom ta' l-assenti Emanuel Vella, Angelo Vella u Rita Bartolo. Permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li nghatat fit-30 ta' April 2009 (fol. 259), is-sentenza ta' din il-qorti tal-14 ta' Dicembru 2005 giet revokata ghaliex kien irrizulta li Michael Vella ma kien inghata l-ebda awtorizazzjoni sabiex jidher ghan-nom tal-assenti. Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2009 (fol. 277) l-avukat Dr Grazio Mercieca iddikjara li qieghed jidher ghall-konvenuti kollha hlief ghal Michael Vella u l-assenti Emanuel Vella.

Fil-31 ta' Lulju 2009 l-avukat Dr Jean Paul Grech bhala kuratur tal-assenti Emanuel Vella ipprezenta risposta guramentata (fol. 282) fejn eccepixxa li:-

1. M’huwiex edott mill-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna.
2. Kull talba ghall-hlas ta’ kumpens li jirreferi ghall-perjodu qabel Awwissu 1993 hu milqut mill-preskrizzjoni estintiva ta’ hames snin (Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili).

Fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2009 il-kuratur iddikjara li kien gie nfurmat li *“..... mill-iskrivana tal-ufficcju li kien cempel Emanuel Vella u halla messagg li kien ser jinkariga lill-avukat Dr Carmelo Galea bala d-difensur tieghu, l-istess avukat tal-konvenut Michael Vella.”* (fol. 288). F’din is-seduta l-qorti ddikjarat li l-istadju tal-provi hu maghluq. Sussegwentement, permezz ta’ nota prezentata fis-6 ta’ Novembru 2009 mill-avukat Dr Carmelo Galea, iddikjara li kien qieghed jassumi l-atti tal-kawza ghan-nom tal-assenti Emanuel Vella.

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

1. L-attrici hi bint Maria Vella.
2. Maria Vella mietet fit-23 ta’ Jannar 1997. Minn Marzu 1994 Maria Vella marret tghix mal-atturi.
3. Mic-citazzjoni hu evidenti li l-atturi qeghdin jitolbu kumpens ghal dan il-perjodu; *“Illi l-imsemmija servigi, kuri u assistenzi gew resi* ***matul l-ahhar tlett snin u nofs ta’ hajjet Maria Vella*** *li ghexet fid-dar tal-atturi, li minn naha taghhom oltre li ipprovdewlha il-post fejn tghix kienu jiehdu hsieb il-bzonnijiet kollha li din kellha.”* (fol. 3). Fir-realta’ l-perjodu kien ta’ 34 xahar.
4. Fil-perjodu li Maria Vella ghamlet tghix ghand l-atturi, l-attrici kienet tahdem part-time.

Jibda biex jinghad li l-eccezzjonijiet ta’ preskrizzjoni estintiva huma minghajr bazi. L-atturi pprezentaw il-kawza fis-7 ta’ Dicembru 1998, u qeghdin jippretendu kumpens ghall-perjodu li Maria Vella marret tghix maghhom (Marzu 1994) sakemm mietet fit-23 ta’ Jannar 1997. Fil-kaz ta’ servigi l-azzjoni taqa’ bi preskrizzjoni b’eghluq ta’ hames snin (Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili). M’hemmx dubju li l-hames snin kienu ghadhom ma ghaddewx meta l-atturi pprezentaw il-kawza. Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni ser jigu michuda.

Fil-kors tas-smiegh tal-kawza xehedu persuni li huma ndipendenti mill-partijiet. Hekk per ezempju:-

- **It-tabib Dr John Xuereb Dingli**, li kien it-tabib ta' Maria Vella u kien imur jara ghal vista medika fiz-zmien li kienet tghix ghand l-atturi. Spjega li l-attrici kienet *"...tiehu hsieb il-bzonnijiet taghha kollha. Mistoqsi jekk kinitx konfinata fis-sodda nghid illi kienet kapaci tqum pero bi tbatija hafna..... Li nista' nghid u naccerta hi li kienet timxi b'diffikulta kbira. Naf illi kienet ghamlet is-sena precedenti l-mewt taghha li kienet tiehu l-ossigenu; dan jirrikjedi hafna skarigg ta' cilindri lejn u lura mill-isptar."* (fol. 82).
- **L-Arcipriet Dun Salvu Muscat** fl-ewwel gimgha tax-xahar u darba fil-gimgha, kien imur iqarben lil Maria Vella. Qal li meta kien imur id-dar ghand l-atturi, Maria Vella qatt ma kienet tilmenta u kienet mizmuma tajjeb.
- **Reverendu Dun Pawl Zerafa** qal li kien imur iqarben lil Maria Vella fid-dar fejn kienet tghix mal-atturi; *"Maria Vella kienet marret ma bintha li kienet ipprovditilha kamra fil-pjan terran. Nghid li din il-kamra kienet wahda decenti hafna u lil Maria dejjem sibtha liebsa sewwa u mizmuma tajjeb. Niftakar li mhux darba qaltli li kienet kuntenta ma bintha Lucy u zewgha."* (fol. 96).
- **Carmel Aquilina** qal li hu girien tal-atturi u kienet tara lil Maria Vella miexja fit-triq (fol. 106).; *"Kienet timxi minghajr l-ghajnuna ta' xi persuna ohra u minghajr l-ghajnuna ta' xi bastun jew walking-aid iehor."*. L-attrici kkonfermat li kien hemm okkazzjonijiet li ommha kienet tohrog wahedha (fol. 35).

Jirrizulta li qabel marret tghix mal-atturi, Maria Vella kienet tghix flimkien mal-konvenut Michael Vella (binha) u martu Carmen. Vella kkonferma li ommu kienet marret tghix ghand l-atturi peress li *".... d-dar fejn konna nghixu ahna ma kinetx komda bizzejjed ghall-kundizzjoni li fiha kienet ommi peress illi kien hemm hafna turgien u ghatbiet."* (fol. 27). Verzjoni li giet korraborata minn martu Carmen Vella (fol. 29).

Mill-gurisprudenza hu stabbilit li:-

1. Il-principju generali hu li *omnia labor optat premium*.

2. Il-kumpens ghal servigi jista' jkun dovut *"jure actionis"* - meta jkun pattwit, jew *"officio judicis"* – meta mic-cirkostanzi ikun jidher li min ipprestahom kellu l-intenzjoni li jithallas taghhom.

3. Prestazzjoni gratuwita m'ghandix tkun prezunta. Anzi l-presunzjoni ghandha tkun li s-servigi jinghataw bi speranza ta' kumpens, ukoll fil-kaz ta' servigi prestati minn parenti.

4. Kumpens ghal servigi mhux dovut meta mill-provi jirrizulta li fiz-zmien li gew prestati, min ipprestahom ma kellux l-intenzjoni li jitlob il-hlas ghal dawk is-servigi. Tali intenzjoni trid tkun cara u univoka.

5. Sabiex tistabilixxi jekk min qieghed jippretendi l-kumpens ma kellux l-intenzjoni li jitlob il-hlas, il-mument importanti li ghandu jigi ezaminat hu l-epoka li fiha kienu qeghdin jigu prestati s-servigi.

6. Ghall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' servigi, huma rilevanti: Il-frekwenza u x-xorta tas-servigi; il-mezzi finanzjarji tal-persuna li tkun inghatat is-servigi; il-parentela ta' min ta l-ghajnuna mal-persuna li kienet gawdiet mill-ghajnuna.

Dwar il-gratuwita' ta' servigi ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell[1] fil-kawza:- **Carmen Cacciattolo et vs Mario Tonna et** deciza fis-17 ta' April 2009:-

*"In tema ta' dritt gja gie hawnhekk ri-affermat b'abbracc tal-gurisprudenza uniformi illi, "is-servigi ma humiex prezunti li jigu rezi gratuitament" ("**Giorgia Caruana proprio et nomine -vs- Marianne Abela**", Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' Jannar, 1965). Hi pero` wkoll gurisprudenza illi "din il-presunzjoni tibqa' tregi sakemm ma jirrizultax li s-serventi jkun ghamel l-istess xoghol bla*

---

[1] Imhallef P. Sciberras.

*hsieb li jigi kkompensat" ("***Ivy Agius -vs- Joseph Calleja nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 15 ta' Frar, 1958 u "***John Axiaq -vs- Domenico Mifsud et***", Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Jannar, 1952). Jinzel minn dan illi jekk id-dikjarazzjonijiet maghmula jew il-provi juru illi, meta gew prestati s-servigi, min irrendihom ma kellux l-intenzjoni li jithallas ghalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens. Ara "***Giuseppina Deidun et -vs- Emilia Poggi et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Ottubru, 1954".*

Fil-kawza **Maria Carmela Abela et vs Paul Camilleri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[2] fil-5 ta' Ottubru 1992, gie osservat li ghall-intenzjoni ta' gratuwita' *"Mhux bizzejjed li wiehed jippresta servigi f'sitwazzjoni fejn jahseb li hu difficli ferm jekk mhux impossibbli li jircievi l-kumpens. Se mai din il-konsiderazzjoni nnifisha teskludi l-liberalita'."*.

Ghalkemm l-atturi jippremettew li min-naha ta' Maria Vella kien hemm *"weghda espressa tal-kumpens"*, il-qorti ma sabet l-ebda element ta' prova li kien hemm xi weghda simili jew sahansitra xi ftehim ta' kumpens ghas-servigi prestati. Anzi l-konvenut xehed: *"id-decujus qatt ma weghditni li se thallasni tas-servigi u jiena qatt ma tlabtha."* (fol. 75). Min-naha l-ohra l-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuti li kien hemm xi tibdil fil-kawzali in kwantu bbazaw il-kawza fuq hlas ta' servigi *jure actionis*, filwaqt li mill-provi li ressqu u s-sottomissjonijiet li ghamlu bnew l-argument fuq il-kwazi kuntratt. Fic-citazzjoni -atturi sempliciment ippremettew li Maria Vella kienet weghdithom li jigu kumpensati. B'daqshekk ma jfissirx li bbazaw it-talba taghhom ghall-hlas ta' servigi fuq ftehim, tant hu hekk li fl-ebda stadju ma ppremettew li kien intlehaq xi ftehim dwar l-ghoti ta' servigi u min-naha l-ohra hlas ta' kumpens ghas-servigi.
In kontro-ezami l-atturi xehedu:-

- *"Sakemm kienet mieghi jiena kelli prokura generali ta' ommi. Il-pensjoni ma konniex nohduhielha, kont naghtiha l-flus u taghmel bihom li trid. Kienet taghmel*

[2] Imhallef J. Said Pullicino.

*hafna quddies ghal zewgha u taghti hafna karita.* ***Jiena ma ridtx il-flus ta' ommi jiena hadtha mieghi ghax kont inhobbha."*** (L-attrici - fol. 36).

- ***"Qatt ma tlabniha biex thallas biex toqghod maghna. L-anqas ippretendejna li nithallsu. Ahna ghamilna din il-kawza tas-servigi ghaliex haddiehor kien qieghed jippretendi kollox.*** *Qieghed hawnhekk nirreferi ghal Rose Vella."* (L-attur – fol. 74).

Il-qorti ghandha simpatija mal-atturi ghaliex hi moralment konvinta li kienu jduru b'Maria Vella fil-perjodu li kienet tghix maghhom. B'daqshekk ma jfissirx li taqbel li mill-provi rrizulta li Maria Vella kienet tehtieg xi kura kontinwa, ghalkemm irrizulta li kellha mard tal-qalb u dijabete. Pero' f'kull kaz laqghuha f'darhom b'idejhom miftuha u jidher li ma kien jonqosha xejn. Il-fatt li l-atturi kienu jahdmu ma jfissirx, kif argumentaw xi whud mill-konvenuti, li ma kienux iduru b'Maria Vella. Madankollu minn kliem l-atturi hu evidenti li fiz-zmien li Maria Vella kienet tghix maghhom ma kellhomx l-intenzjoni li jitolbu hlas ta' kumpens ghall-att nobbli li kienu qeghdin jaghmlu maghha. Meta xehedu kienu sinciera u m'hemmx dubju li dak li ghamlu kien minn qalbhom u b'sens ta' rispett u mhabba lejn Maria Vella. Il-vinkolu ta' konsangwinita' min bint ghal omm hu tant vicin li jiggustifika l-fehma ta' ezistenza ta' affezjoni bizzejjed biex twassal ghal sagrificcju personali mhux ta' entita zghira u ghal zmien mhux qasir minghajr l-intenzjoni ta' hlas. Il-kliem tal-atturi jaghtu lill-qorti x'tifhem li f'dak iz-zmien is-servigi ma kienux qeghdin jinghataw bl-intenzjoni ta' hlas. Kien biss wara l-mewt ta' omm l-attrici li bidlu l-fehema u bdew jippretendu l-hlas, u cjoe' wara li nqala' dizgwid bejn l-ahwa. Dizgwid li jidher li kien issarraf f'kawza li saret qabel dik odjerna, fl-ismijiet **Mary Rose Vella et vs Michael Vella** (Citaz. numru: 147/1998)[3]. F'dik il-kawza kien qieghed jigi mpunjat kuntratt ta' bejgh li sar fl-4 ta' Dicembru 1981 bejn Maria Vella u binha Michael Vella fuq il-bazi li l-atturi kienu qeghdin jippretendu li t-trasferiment ma kienx b'titolu oneruz izda gratuwitu.

[3] Riferenza ghal dik il-kawza saret fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2009.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-

1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti izda mhux inkluz Michael Vella.

2. Tilqa' t-tieni eccezjoni tal-konvenuti Mary Rose Vella, Carmena Zahra u Guzepp Vella u tichad it-talbiet tal-atturi. Spejjez a karigu tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------